FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 14 TA' MEJJU, 2002**

**Numru: 11**

**Avviz Nru: 477/01 JB**

**Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance Plc kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghha Anthony Caruana & Sons Limited abbazi tal-polza t'assigurazzjoni u tal-ligi.**

**vs**

**Gollcher Company Limited bhala agenti t' Odino Valperga SpA u bhala operaturi tal-bonded stores jew min minnhom.**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm602.10c (sitt mija u zewg liri Maltin u ghaxar centezmi) rapprezentanti nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti

lill-assigurata taghhom u spejjez tas-survey relattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura w il-kustodja tal-konvenuti, liema konsenja waslet Malta fuq il-bastiment MV Lince fl-10 ta' Lulju 2000, liema danni diga' thallsu mis-socjeta' attrici.

Bl-imghax legali m'illum u bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn il-konvenuti eccipixxew, illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi mhumiex responsabbli ghad-danni pretizi.

Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe ammont ta' danni huwa limitat skond il-kondizzjonijiet fil-polza ta' kariku.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti esibiti

Ikkonsidera

Illi l-kaz odjern si tratta ta' nuqqas ta' konsenja meta giet biex tigi rtirata mill-konsennatarju. Di fatti huwa allegat li l-venditturi tal-assigurat tas-socjeta' attrici batghet hawn Malta certa kwantita kif rizultanti mill-fattura u Bill of Lading (Dok BV4 u BV3). Pero' rizultanti mill-istess Bill of Lading 1–4 pallet fia kien pogguti fil-container – 'foods are said to be stowed into 1X40' Box marked li huwa effetivament wasslet fil-groupage Bond l-Hal Far.

Gollcher bhala operatur tieghu jallega li huwa hatt dak li sab fih ‘no more no less’ u difatti saru rimarki – vide xhieda. Meta Fleri Soler fis-seduta tal-20 ta’ Frar 2002, li “were received with open top”.

Ma giet sottomessa l-ebda prova u wisq anqas sar xi accenn li n-nuqqasijiet fil-konsenja effettivament gew kommessi waqt li dawn kienu ghadhom fil-pussess taghhom. Aktar u aktar meta huma ma jkollhomx packing list – allura ma jafux x’hemm. In oltre meta jinhattu l-ebda konsennatarju ma jkollu bniedem minnu nkarigat sabiex jara li x-xoghol qed jinhatt f’liema stat x’ikun x’kwantita.

Lanqas ma gie allegat li l-container seta’ gie manumess minn meta gie f’idejn l-carrier – Odino Val Perga meta tellaw fuq il- vapur wasal Malta u spicca ghand Gollcher. Hija mankanti l-prova tal-vess bejn effettivament x’gie magazzinat fil-container, u minn min.

Mhux hekk biss izda s-socjeta’ konvenuta hija fi stat ta’ stralc. L-oneru tal-prova jirispetta lil min jallega mhux lil min jichad. F’dan il-kaz is-socjeta’ attrici naqset li tiskariga dan id-dover.

Ghal dan il-motivi, it-Tribunal jichad it-talbiet attrici jilqa’ l-eccezzjonijiet konvenuta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**